MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Awwissu, 2006

Numru 908/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Johann J. Fenech**
**V**

**MOHAMMED EL MALLEH**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MOHAMMED EL MALLEH** ta' sebgha w erbghin sena bin Ali u Aicha, imwieled l-Palestina nhar t-tnax ta' Awissu 1959 u joqghod 'Immigration Open Centre', Hal Far, detentur ta' karta tal-identita numru 32954A gie imressaq quddiemha akkuzat:

1. talli fit-tlieta w ghoxrin ta' Awissu 2006, ghal habta tas-siegha w nofs ta' filghodu, f'Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqisx vjolenza pubblika

kontra l-persuna ta' PC 1132 S. Saydon  u PC 191 L. Bugeja, persuni nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond l-ligi minn awtorita kompetenti;

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PC 1132 S. Saydon  u PC 191 L. Bugeja, persuni nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzgha jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, m’obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta’ dmirijiethom;

4. talli ngurja jew hedded lil Darren Degabriele minn B’Bugia;

5. talli f’lok pubbliku jew miftuh ghal pubbliku nstab fis-sakra b’mod li ma kienx jista jiehu hsieb tieghu nnifsu jew inkella waqt li kien f’dak l-istat, dejjaq in-nies jew ghamel storbju jew fittex li jirkeb f’xi dghajsa jew ma kienx irid jinzel minn fuq d-dghajsa ghalkemm gie mwissi minn Darren Degabriele, il-persuna li kellha l-hsieb taghha biex ma jirkibx fuq d-dghajsa jew biex jinzel minn fuqha;

6. talli ghad li kien xurban, qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b’xi moed iehor offendaq l-morali, l-imgieba xierqa jew d-decenza pubblika;

7. talli kiser l-mistrieh tan-nies b'ghajjat, storbju, glied, dagha jew mod iehor.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti inkluz l-istqarrija esibita fl-atti bhala dokument PS datata hamsa w ghoxrin ta’ Awissu 2006 u l-okkorrenza relattiva esibita bhala dokument PS 1.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-Gimgha, hamsa w ghoxrin ta' Awissu 2006, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz.

Il-Qorti tikkundanna dan it-tip ta' agir fil-konfront ta' Ufficjali tal-Pulizija li jkunu qed jaqdu d-doveri taghhom skond l-ligi. Dan l-agir abbusiv tal-imputat f'dawn ic-cirkostanzi zgur li mhux accettabbli u wisq inqas skuzabbli ghaliex kieku ma kienx ghal dawn l-Ufficjali tal-Pulizija, kieku f'dan il-pajjiz, jispicca kullhadd jaghmel li jrid.

Illi din is-sitwazzjoni hija wahda intollerabbli ghal ahhar.

**Il-Qorti ghalhekk rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikolu 95, 96, 338(ff), 338(dd), 338(ee) u 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lil imputat MOHAMMED EL MALLEH hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddeciedi li tikkundannah ghall-perjodu ta'**

**xahrejn [2] prigunerija sospizi ghal zmien sena mill-lum ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm il-darba l-imputat, waqt il-perjodu operattiv ta' din l-ordni ma jikkommettix reat iehor li jkollu piena karcerarja u jinsab hati tieghu.**

**In oltre, ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tobbliga lil imputat ma jimmolestax, ma jintimidax jew jingurja lil istess Darren Degabriele ghal perjodu ta' sena taht penali ta' mitt lira maltin fin-nuqqas.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lill-imputat r-responsabbilita tieghu naxxenti minn din is-sentenza u x'jigri jekk huwa jonqos li josservaha u l-imputat iddikjara li fehem ben tajjeb.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------